# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**
**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2024.**

**Numru : 1**

**Rikors numru 830/2015/2 JZM**

**Henri Portelli, Simone mart divorzjata ta' Stefan Micallef u Sharonne Fenech**

**v.**

**Dennis Dowling; Jean Dowling f'isimha *proprio* u bħala mandatarja tal-assenti Daria Lucrezia Manning u Brigitte Perignon; Kim Dowling; Bruce Dowling; Dirk Dowling; u Kurt Dowling**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tat-2 ta' Mejju, 2024, magħmula mill-konvenut Dennis Dowling taħt is-**subartikoli (f)** u **(g) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti, b'sentenza

mogħtija fis-6 ta' Frar, 2024, wara li tiġi mħassra l-istess sentenza.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-2 ta' Settembru, 2015, l-atturi fissru li b'kuntratt tas-17 ta' Frar, 1962, l-awturi fit-titlu tagħhom kienu krew il-post bin-numru 265, illum bin-numru 270, fi Triq ir-Repubblika, fil-Belt Valletta mingħand il-Gvern ta' Malta. Spjegaw ukoll li f'Jannar tas-sena 1967, l-awturi tagħhom daħlu f'assoċjazzjoni ma' Emanuel Dowling sabiex jiftħu negozju fil-post hawn fuq imsemmi. Dan għamluh bil-barka tal-Kummissarju tal-Artijiet.

3. Billi s-soċji oriġinali mietu u billi wkoll skont l-atturi, l-assoċjazzjoni kienet intemmet b'ittra uffiċjali tat-12 ta' Awwissu, 2015, li ġiet notifikata lill-konvenuti, huma talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1.Tiddikjara illi l-ftehim tal-assoċjazzjoni ta' Jannar 1967 għall-ġestjoni tal-fond 270, Triq ir-Repubblika, Valletta spiċċa u għandu jiġi maħlul a tenur tal-liġi u dan stante l-mewt tas-soċji; bid-dikjarazzjoni tal-atturi li ma jridux jissoktaw fis-soċjetà u talli ma nżammewx il-pattijiet u l-kundizzjonijiet tal-istess assoċjazzjoni oltre li din l-assoċjazzjoni għandha tiġi maħlula peress li saret mingħajr limitu ta' żmien.*
>
> *2. Tordna l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-fond imsemmi mikri lill-atturi skont kuntratt tas-17 ta' Frar 1962 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard, u l-ittra ta' rikonoxximent mill-Kummissarju ta' l-Artijiet tal-10 ta' Lulju 2013, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom iffissat minn din il-Qorti.*
>
> *Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Awissu 2015 u bl-inġunzjoni tal-intimati in subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni ta' danni.»*

4. Il-konvenut Dennis Dowling wieġeb b'risposta maħlufa tal-5 ta'

Frar, 2016 fejn saħaq: (i) li t-talbiet tal-attur la huma msejsa bil-fatti u lanqas bil-liġi; (ii) li biex il-ġudizzju jkun wieħed sħiħ jeħtieġ li jissejjaħ fil-kawża l-Kummissarju tal-Artijiet minħabba li l-kawża hija dwar proprjetà tal-Gvern ta' Malta; (iii) li t-talbiet m'għandhomx jintlaqgħu minħabba li huma għalkollox lil hemm mill-fatti veri tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet; (iv) li l-ftehim jagħmilha ċara li l-assoċjazzjoni tista' tiġġedded permezz ta' notifiki magħmula minn missier il-konvenut, Emanuel Dowling; u (v) li l-atturi kienu għarfu lill-konvenut bħala soċju tagħhom.

5. B'sentenza mogħtija fl-1 ta' Lulju, 2019, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili: (i) astjeniet milli tieħu qies tal-kawża fil-konfront tal-konvenuti kollha ħlief Dennis Dowling, minħabba li l-atturi kienu ressqu nota ta' ċessjoni fir-rigward ta' dawn il-konvenuti matul is-smigħ tal-kawża; (ii) astjeniet ukoll milli tieħu qies tat-tieni eċċezzjoni ta' Dennis Dowling minħabba li din ġiet irtirata matul is-smigħ tal-kawża; (iii) laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut Dennis Dowling; (iv) ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi; u (v) ordnat lill-atturi biex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

6. B'rikors tat-18 ta' Lulju, 2019, l-atturi appellaw mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ilmentaw: (i) li l-Ewwel Qorti għarblet il-provi b'manjiera ħażina għaliex ma kien hemm ebda kunsens taċitu min-naħa tagħhom biex jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-ftehim; (ii) li skont l-**Artikolu 1230 tal-Kodiċi Ċivili**, it-twettiq jew ir-ratifika ta' att li l-liġi espressament tannulla minħabba nuqqas ta' formalitajiet meħtieġa, ma jsewwux dan l-att meta

ma jsirux b'att li jkollu l-formalitajiet kollha meħtieġa sabiex kien ikun jiswa l-att li jiġi mwettaq jew ratifikat; (iii) li t-tibdil fil-ftehim tal-assoċjazzjoni ma sarx bil-miktub, kif huwa meħtieġ fl-**Artikolu 1233 tal-Kodiċi Ċivili**; (iv) li f'dan il-każ daħlet fis-seħħ il-klawsola numru 7 tal-ftehim fejn ġie mniżżel li kull parti kellha l-jedd li ġġib fi tmiemu l-kuntratt jekk kemm-il darba tinkiser xi waħda mill-kundizzjonijiet tiegħu; u (v) li s-soċji mietu kollha u għalhekk il-ftehim spiċċa.

7. Illi b'sentenza mogħtija fis-6 ta' Frar, 2024, din il-Qorti b'Imħallfin differenti laqgħet ir-raba' u l-ħames aggravji tal-atturi u b'hekk laqgħet l-appell tagħhom billi: (i) laqgħet l-ewwel talba tagħhom iżda biss għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenza; (ii) laqgħet it-tieni talba tagħhom billi ordnat lill-konvenut Dennis Dowling jiżgombra mill-immobbli inkwistjoni u jrodd lura ċ-ċwievet tiegħu lill-atturi fi żmien erba' xhur mill-jum tas-sentenza; u (iii) ordnat li l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenut Dennis Dowling.

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Qorti tal-Appell biex tiddeċiedi b'dan il-mod kienu dawn:

> *«8. L-**ewwel aggravju** tal-appellanti jikkonsisti f'nuqqas ta' qbil mal-apprezzament tal-provi li wasslu lill-Ewwel Qorti ssib kunsens taċitu tal-antekawża tagħhom għall-bidla fil-kundizzjonijiet tal-ftehim billi ġie sostitwit il-konvenut bħala parti minflok missieru u billi minflok sehem mill-qligħ, kienu jaċċettaw somma fissa kull tant żmien.*
>
> *9. Din il-Qorti eżaminat mill-ġdid il-parti razzjonali tas-sentenza. Din tixhed sew il-mod kif l-Ewwel Qorti waslet għall-konvinċiment tagħha dwar is-seħħ tal-kunsens taċitu għall-bidla fil-kundizzjonijiet tal-ftehim,*

*abbażi tal-elementi varji tal-provi proċesswalment akkwiżiti u hekk ikkunsidrati fil-kumpless sħiħ tagħhom. M'hemm xejn xi jġiegħel lil din il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Anzi żżid li l-provi huma ċari u ma jħallu l-ebda lok għal dubju li l-ante-kawża tal-atturi aċċettaw għall-għadd ta' snin konsiderevoli ammont fiss minflok sehem mill-qligħ.*

*10. Lanqas hemm dubju li għarfu bħala soċju lill-konvenut minflok missieru. Sostituzzjoni li wara kollox kienet permessa li ssir bil-ftehim innifsu.*

*11. Dan l-aggravju għalhekk ma jistax jitqies bħala wieħed validu.*

*12. L-**Artikolu 1230 tal-Kodiċi Ċivili** li fuqu huwa bbażat it-**tieni aggravju** m'għandu x'jaqsam xejn mal-fattispeċji ta' dan il-każ. Hawn m'hawn l-ebda sitwazzjoni ta' xi difett fil-kuntratt.*

*13. Għalhekk it-tieni aggravju sejjer ukoll jiġi skartat.*

*14. It-**tielet aggravju** hu li ġaladarba ftehim ta' assoċjazzjoni jeħtieġ, ad validitatem, il-formalità tal-kitba, hekk ukoll kwalunkwe tibdil fid-drittijiet li jitwieldu minnu jinħtieġ l-istess formalità biex ikun jiswa.*

*15. Skont **Artikolu 1232(1) tal-Kodiċi Ċivili**:*

> *«Meta mhux meħtieġ mil-liġi li l-obbligazzjoni jew it-tmiem tagħha jidhru minn att pubbliku jew minn kitba privata, il-prova tal-obbligazzjoni jew tat-tmiem tagħha tista' ssir b'xhieda jew f'mezzi oħra magħrufin mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.»*

*16. It-test tal-liġi huwa ċar u m'għandu bżonn ta' ebda interpretazzjoni. Il-kostruzzjoni grammatikali tat-test tal-liġi hija waħda li ma tħalli l-ebda dubju dwar it-tifsira tagħha. Permezz tal-imsemmija dispożizzjoni, il-Kodiċi Ċivili jagħmel distinzjoni netta bejn il-ħtieġa tal-formalità ta' att pubbliku jew ta' skrittura privata <u>fil-mument tal-ħolqien ta' obbligazzjoni</u>, u ħtieġa tal-istess formalità <u>għat-tmiem tagħha</u>. Il-leġislatur jagħmilha ċara li l-ħtieġa ta' formalità fil-mument tal-ħolqien tal-obbligazzjoni ma toħloqx ukoll il-ħtieġa ta' formalità fil-mument tat-tmiem tagħha. M'hemm l-ebda bżonn ta' formalità fil-mument tat-tmiem tal-obbligazzjoni sempliċement għaliex il-liġi tkun imponiet dan il-bżonn fil-mument tal-ħolqien tagħha. Ikun hemm bżonn ta' formalità fit-tmiem tal-obbligazzjoni biss u sa fejn hekk tkun tgħid il-liġi fil-każ ta' tmiem tagħha. Għalhekk lanqas it-tielet aggravju m'huwa validu.*

*17. **Ir-raba' aggravju** hu li l-assoċjazzjoni ġiet xolta minħabba ksur fil-kundizzjonijiet tal-ftehim. Fil-fehma ta' din il-Qorti, m'hemmx dubju li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-ftehim bin-nuqqas tal-ħlas regolari tal-ammont – fiss jew mhux – dovut mill-konvenut lil Rosa Portelli, omm l-atturi, li wasslitha biex jieħdu proċeduri bil-Qorti sabiex titħallas dak dovut lilha mill-konvenut. Skont **Art. 1679(e)**, soċjetà tispiċċa "**bid-***

> ***dikjarazzjoni ta' wieħed mis-soċji li hu ma jridx jissokta fis-soċjetà***", *ħaġa li jista' jagħmel qabel ma jagħlaq iż-żmien miftiehem* "***meta jkun hemm raġunijiet tajba, bħal fil-każ li wieħed mis-soċji jonqos mill-obbligi tiegħu***" *(**Art. 1687 tal-Kodiċi Ċivili**). Hekk għamlet Rosa Portelli meta fl-24 ta' Awwissu 2011 bagħtet ittra uffiċjali lill-konvenut. F'dik l-ittra, apparti li ddikjarat li ma kinitx qed tagħraf lill-konvenut bħala soċju,* "***fl-eventwalità li jiġi ritenut li l-istess ftehim ta' assoċjazzjoni intwiret minnek, il-mittenti qiegħda titterminah kif hija intitolata fit-termini tal-istess ftehim u għalhekk ukoll tinterpellak tikkonsenja lilha ċ-ċwievet tal-istess ħanut***"*. Wara dakinhar m'aċċettatx iktar flus mingħandu.*
>
> *18. **Il-ħames aggravju** huwa li s-soċji mietu kollha. Dan mhuwiex eżatt. Tassew li s-soċji oriġinali mietu kollha, iżda l-konvenut sar wieħed mis-soċji minflok missieru li kien soċju oriġinali. B'danakollu, il-ftehim xorta waħda ntemm għaliex, skont Art. 1679 tal-Kodiċi Ċivili,* "***Is-soċjetà tispiċċa… (ċ) bil-mewt ta' wieħed mis-soċji***"*. Independentement minn kull raġuni oħra, is-soċjetà żgur ma baqgħetx ħajja wara l-mewt ta' omm l-atturi, Rosa Portelli, fit-13 ta' Novembru 2012: dan hu każ klassiku fejn il-mewt ittemm l-obbligazzjoni: mors omnia solvit. Uliedha l-atturi m'aċċettaw l-ebda ħlas wara mewtha, u għamluha bħal ommhom issuktaw jagħmluha ċara li għalihom is-soċjetà kienet spiċċat. Anke li kieku s-soċjetà ma kinitx intemmet bl-ittra uffiċjali fuq imsemmija, xorta kienet tintemm bil-mewt ta' Rosa Portelli.*
>
> *19. Għalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mar-raġunament tal-Ewwel Qorti u mal-konklużjonijiet tagħha bbażata fuqu.»*

9. Issa l-konvenut Dennis Dowling ressaq rikors fit-2 ta' Mejju, 2024, għaliex qiegħed jgħid li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tiġi ritrattata skont is-**subartikoli (f)** u **(g) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** minħabba li skontu: (i) is-sentenza ngħatat fuq ħaġa li mhix imdaħħla fit-talbiet; u (ii) fis-sentenza ngħata iżjed minn dak li ntalab.

10. Minħabba f'hekk, huwa talab lil din il-Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi li in bażi tal-premess jeżistu raġunijiet biżżejjed għal ritrattazzjoni skont il-liġi a tenur tal-Artikolu 811 (f) u (g) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Tħassar u tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fis-6 ta' Frar 2024 fil-kawża fl-ismijiet 830/15JZM Henri Portelli, Simone mart divorzjata ta' Stefan Micallef u Sharonne Fenech vs Dennis Dowling; Jean Dowling f'isimha proprio u bħala mandatarja tal-assenti Daria Lucrezia Manning u Brigitte Perignon; Kim Dowling; Bruce Dowling; Dirk Dowling; u Kurt Dowling.*

*3. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża 830/15JZM Henri Portelli, Simone mart divorzjata ta' Stefan Micallef u Sharonne Fenech vs Dennis Dowling; Jean Dowling f'isimha proprio u bħala mandatarja tal-assenti Daria Lucrezia Manning u Brigitte Perignon; Kim Dowling; Bruce Dowling; Dirk Dowling; u Kurt Dowling.*

*B'hekk ir-rikorrent ikun jista' jħares id-drittijiet tiegħu skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi.»*

11. L-atturi wieġbu għal dan ir-rikors fit-8 ta' Mejju, 2024, u hemmhekk huma taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex jemmnu li r-rikors tal-konvenut Dennis Dowling għandu jiġu miċħud.

12. Inżamm smigħ fis-17 ta' Ottubru, 2024, u minn hemmhekk ir-rikors tħalla biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni.

14. Dan l-istitut huwa msejjes fuq il-prinċipju, li kemm jista' jkun, sentenza li tkun ingħatat u saret ġudikat m'għandhiex titwaqqa' malajr, imma għandha titwaqqa' biss għal raġunijiet serji u gravi li jkunu tali li l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ tal-imsemmija sentenza jkunu jmorru

kontra s-sens ta' ħaqq u ta' ordni pubbliku (ara ***Boris Arcidiacono et v. Salvu Schembri et***, Appell Superjuri tal-14 ta' Ottubru, 2014).

15. Talba ta' ritrattazzjoni għalhekk mhix appell mis-sentenza f'dik il-kawża, bħalma lanqas ma hi okkażjoni oħra biex il-parti telliefa terġa' tressaq l-argumenti tagħha wara li dawk l-argumenti ma rebbħulhiex il-kawża (ara ***Herbert Baldacchino noe v. Cecil Pace et noe et***, Appell Superjuri tat-22 ta' April, 2004).

16. Issa fil-każ tagħna l-konvenut ritrattand qiegħed isejjes it-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni fuq is-**subartikoli (f)** u **(g) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Huwa jfisser l-ilment tiegħu hekk:

> *«12. Jirriżulta biċ-ċar għaldaqstant illi t-talba SPEĊIFIKA tal-attur kienet illi l-assoċjazzjoni għandha tiġi dikjarata xolta* ***minħabba l-mewt tal-kontraenti – ossia bil-mewt taż-żewġ kontraenti****. Mill-atti jirriżulta biċ-ċar illi l-kontraenti effettivi kienu Dennis Dowling u Rosa Portelli. A skans ta' ekwivoku jiġi ċċarat illi l-atturi kienu aċċettaw lil Dennis Dowling bħala kontraenti billi kienu addirittura aġixxew permezz ta' mandat fil-konfront tiegħu.*
>
> *13. Għaldaqstant, it-talba kif magħmula ma setgħetx tiġi milqugħa stante miż-żewġ kontraenti wieħed minnhom, Dennis Dowling l-intimat, għadu ħaj.*
>
> *14. Dan ifisser li l-Onor. Qorti tal-Appell meta ħadet id-deċiżjoni li tilqa' t-talba tal-atturi stante l-mewt ta' Rosa Portelli għamlet deċiżjoni żbaljata billi ma kinitx* ***DIN*** *it-talba tal-atturi.*
>
> *15. Naturalment il-Qorti trid timxi fuq it-talbiet u l-eċċezzjonijiet. Qorti ma tistax tagħmel tagħha applikazzjoni ta' liġi li ma tkunx ġiet mitluba. Jekk tagħmel hekk tkun qed tikser id-dispożizzjoni ċara tal-liġi. Huwa għalhekk li d-dettami tal-Artikoli 811(f) u (g) japplikaw għall-każ odjern billi:*

> *(1) is-sentenza tkun ġiet mogħtija fuq ħaġa li ma kinitx imdaħħla fit-talba; u*
> *(2) bis-sentenza ġie mogħti iżjed minn dak li ntalab.*
>
> *16. Irid jingħad ukoll, a skans ta' kull ekwivoku, illi d-deċiżjoni kif mogħtija mill-Onor. Qorti tal-Appell ma kinitx fuq prinċipju legali ta' ordni pubbliku. Il-Qorti applikat aktar minn dak mitlub minnha.»*

17. Minn qari tar-rikors imressaq minn Dennis Dowling, jidher li l-konvenut ritrattand għażel li jindirizza f'argument wieħed iż-żewġ kawżali li fuqhom qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu ta' ritrattazzjoni. B'daqshekk, ir-ritrattand m'għamel xejn ħażin. Wara kollox, iż-żewġ kawżali misjuba fis-**subartikoli (f)** u **(g) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jitqiesu b'xebħ ma' xulxin u jidher li dwarhom jgħodd l-istess tagħlim (ara ***Nutar Dottor Joanne Lia et v. John Spiteri*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju, 2019).

18. Biex wieħed jara jekk is-sentenza marritx *extra* jew *ultra petita* huwa meħtieġ li wieħed iħares lejn x'ikun intalab fl-att li bih tkun inbdiet il-kawża (ara ***Joseph Vella et v. Nazzareno Farrugia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 2007 u ***Jude Thaddeus sive Teddy Rapa noe v. Francesco sive Frank Rapa noe*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju, 2007). Il-kriterju hu li t-talba f'kawża titqies minn dak li jissemma fl-att li bih tinbeda l-kawża.

19. Mill-formulazzjoni ta' dak l-att tal-bidu, wieħed ikun jista' jqis jekk dak mogħti fis-sentenza jkunx għalkollox 'il barra minn dak li ntalab (*extra petita*) jew ikunx aktar minn dak li ntalab (*ultra petita*). Ikun hemm każ ta'

eċċess bħal dan fejn il-ġudikant, *«jibbaża r-raġuni tad-deċiżjoni fuq titlu, kawżali jew fatt ġuridiku, essenzjalment differenti minn dak li, permezz ta' azzjoni jew eċċezzjoni, jiġi dedott mill-partijiet in sostenn tal-konklużjonijiet tagħhom»* (ara ***Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi*** miktub minn **Grazio Mercieca** (illum Onorevoli Imħallef) f'paġna 145). Kemm hu hekk, dawn iż-żewġ raġunijiet ta' ritrattazzjoni mhux suppost jagħtu lok għat-tħassir u konsegwenzjali reviżjoni *ex integro* tas-sentenza kollha kemm hi, imma biss ta' dik il-parti li tkun qabżet il-parametri tat-talbiet attriċi (**Mercieca** Op. Cit., paġna 144).

20. Madankollu, dan il-każ ma jgħoddx fih iċ-ċirkostanza fejn Qorti tipprovdi rimedju, li għalkemm ma jissemmiex bħala talba espressa, joħroġ *ex necessaria consequentia* minn talba oħra li tkun magħmula (ara ***Saguna pro et noe v. Vella*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Frar, 1934, ***Middlesea Insurance p.l.c. v. Emanuel Ciantar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Ġunju, 2021 u ***Carmen Grixti v. Dr Ivan Grixti*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023).

21. Issa fi kliem sempliċi, minn dak li fehmet il-Qorti, l-argument imressaq minn Dennis Dowling taħt dawn iż-żewġ kawżali huwa li meta fis-sentenza tas-6 ta' Frar, 2024 il-Qorti tal-Appell laqgħet ir-raba' u l-ħames aggravju kif imfissra fir-rikors tal-appell tal-atturi, hija spiċċat biex laqgħet talba li ma kinitx tressqet mill-atturi fir-rikors maħluf tagħhom. Skont ir-ritrattand, it-talba tal-atturi fir-rikors maħluf kienet li l-ftehim tal-

assoċjazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet intemm minħabba l-mewt taż-żewġ soċji; mentri l-Qorti tal-Appell spiċċat biex laqgħet l-ewwel talba attriċi minħabba l-mewt ta' soċju wieħed biss, jiġifieri dik ta' Rosa Portelli. Ir-ritrattand jisħaq li b'hekk fis-sentenza tas-6 ta' Frar, 2024, il-Qorti tal-Appell spiċċat biex tat lill-atturi xi ħaġa li ma kinitx imdaħħla fl-ewwel talba u tathom iżjed minn dak li talbu. Itenni jgħid li t-talba kif mressqa mill-atturi ma setgħet qatt tintlaqa' għaliex wieħed mis-soċji, jiġifieri r-ritrattand stess, kien għadu ħaj.

22. Din il-Qorti jkollha tistqarr li l-ilment tal-konvenut ritrattand ma huwa siewi xejn, anzi huwa wieħed vojt u bla sugu ta' xejn. L-argumenti tal-konvenut ma jwasslux għar-ritrattazzjoni tal-kawża kif imfisser fis-**subartikoli (f)** u **(g) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Biex ikun hemm ritrattazzjoni taħt dawn iż-żewġ kawżali, irid jintwera li fis-sentenza tagħha l-Qorti tkun tbiegħdet minn dak mitkub mill-partijiet fil-kawża.

23. Sewwasew f'dan il-każ, il-kwistjoni li kellha tiddeċiedi l-Qorti tal-Appell kienet dwar jekk il-ftehim tal-assoċjazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet kellux jinħall minħabba xi waħda minn dawn ir-raġunijiet: (i) jew fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-atturi li ma ridux jissoktaw bil-ftehim minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-pattijiet u l-kundizzjonijiet tal-assoċjazzjoni; (ii) jew inkella minħabba l-mewt tas-soċji.

24. Issa meta wieħed iqis dak li talbu l-atturi sa mill-bidu nett tal-kawża u jqabblu kemm ma’ dak li huma talbu fir-rikors tal-appell tagħhom, b’mod speċjali ma’ dak imfisser fir-raba’ u fil-ħames aggravji tagħhom, u kif ukoll ma’ dak li pprovdiet din il-Qorti fis-sentenza attakkata, wieħed għandu jsib li dak li ngħata kien sewwasew dak li ntalab.

25. Kemm hu hekk, fir-rikors maħluf tagħhom, it-talba tal-atturi għall-ħall tal-ftehim tal-assoċjazzjoni kienet imsejsa fuq tliet raġunijiet: (i) il-mewt tas-soċji; (ii) id-dikjarazzjoni tal-atturi li ma ridux jissoktaw bil-ftehim minħabba ksur ta’ dak miftiehem fuq il-ftehim tal-assoċjazzjoni; u (iii) il-fatt, li skont l-atturi, l-assoċjazzjoni kienet saret mingħajr limitu ta’ żmien. Aktar tard, fir-raba’ u l-ħames aggravju tar-rikors tal-appell tagħhom, l-atturi baqgħu jinsistu biss fuq l-ewwel żewġ raġunijiet u eventwalment il-Qorti tal-Appell tathom raġun dwarhom billi laqgħet l-ewwel talba tagħhom għall-ħall tal-ftehim tal-assoċjazzjoni: (i) minħabba li Rosa Portelli kienet bagħtet ittra uffiċjali lill-konvenut fejn għarrfitu li kienet qiegħda ttemm il-ftehim tagħhom minħabba li huwa kien kiser il-kundizzjonijiet tiegħu; u kif ukoll (ii) minħabba li Rosa Portelli, li kienet waħda mis-soċji, mietet.

26. Jiġi b’hekk, meta wieħed iqis dan kollu, li l-Qorti tat biss lill-atturi dak li huma talbuha. M’hemm xejn li jżomm lill-Qorti milli tilqa’ t-talbiet attriċi fuq uħud mir-raġunijiet imressqa minnhom u mhux fuq kollha kemm huma. Huwa sewwsew dan li għamlet il-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Frar,

2024. Il-fatt waħdu li l-Qorti tal-Appell sabet li kienet biss waħda mis-soċji li mietet u mhux kollha kemm huma, ma jfissirx b'daqshekk li hija ħarġet 'il barra mill-parametri tal-azzjoni li kellha quddiemha u tat lill-atturi xi ħaġa li huma ma talbux. Wara kollox, skont l-**Artikolu 1679, subinċiż (ċ) tal-Kodiċi Ċivili**, m'hemmx għalfejn imutu s-soċji kollha biex tintemm soċjetà iżda huwa biżżejjed li jmut wieħed minnhom biss.

27. Għalhekk ir-raġunijiet imressqa mill-konvenut ritrattand biex titħassar is-sentenza ta' din il-Qorti u ssir ir-ritrattazzjoni tal-appell imressaq mill-atturi qiegħda tiġi miċħuda.

28. Din il-Qorti tagħlaq din is-sentenza billi tistqarr li l-azzjoni ta' ritrattazzjoni mressqa minn Dennis Dowling kienet waħda għalkollox fiergħa u vessatorja. Mhux biss l-azzjoni saret ta' kafkaf u r-raġunijiet imressqa minnu kienu fjakki u saħansitra sajma minn kull argument serju, iżda agħar minn hekk il-kawżali li fuqhom issejjes ir-rikors lanqas biss kienu jissodisfaw il-ħtiġijiet minimi li titlob espressament il-liġi biex ikunu jistgħu jiġu mistħarrġa. Huwa ċar li din l-azzjoni saret biss biex il-konvenut jirbaħ iż-żmien u jdewwem kemm jista' jkun l-eżekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti li ordnat l-iżgumbrament tiegħu mill-ħanut inkwistjoni, u mhux għaliex il-konvenut tassew kien jemmen fiha (ara ***Anthony Mario Vella nomine v. Francis sive Tarcisio Galea pro et noe*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' April, 2023 u ***Jeremy S. Harris nomine v. Patrick Spiteri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Lulju, 2023).

29. Għalhekk, meta wieħed iqis dan kollu, kif ukoll il-fatt li din l-azzjoni ħliet il-ħin ta' din il-Qorti, li kellha toqgħod tokkupa ruħha minnha minflok taħdem fuq kawżi oħra, huwa xieraq li dan jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** it-talbiet kollha ta' Dennis Dowling għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-6 ta' Frar, 2024, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.

Minbarra dan, billi l-Qorti hija tal-fehma wkoll illi r-rikors għar-ritrattazzjoni ppreżentat minnu huwa att għalkollox fieragħ u vessatorju, il-Qorti, wara li rat il-**paragrafu 10 tat-Tariffa A** mehmuża mal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, qiegħda tikkundanna lil Dennis Dowling iħallas lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali spejjeż addizzjonali ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500).

| | | |
|---|---|---|
| Christian Falzon Scerri<br>Aġent President | Josette Demicoli<br>Imħallef | Mark Simiana<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss